**2 ta' Ottubru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Joseph Bugeja noe

*versus*

Paul Maria Laferla pro et noe.

**Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rinunzja.**

*Id-debitur li jammetti illi għandu jagħti lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bħala eżatta s-somma pretiża jiġi illi jirrinunzja għall-preskrizzjoni kompita, u jkun qiegħed jirrikonixxi d-dritt tal-kreditu tiegħu jekk il-preskrizzjoni tkun għadha miexja.*

*Jekk id-debitur jgħid lill-kreditur illi huwa jħallas id-dejn pretiż kontra tiegħu jekk jiġi provat, il-kliem tiegħu jammontaw għal interruzzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li lis-Star of Malta kien membru tal-Association attriċi sal-għoxrin (20) ta' Awissu, 1957 u kellu jħallas premiums ossia "calls" skond il-kontijiet esibiti fl-ammont komplessiv ta' disa' mija erbatax-il lira, disa' xelini u għaxar soldi (£914.9s.10d) rappreżentanti 'premiums li f'din l-assoċjazzjoni li hi kooperativa ivarjaw kull sena skond in-numru tal-inċidenti li inkorru fihom l-assoċjati u li allavolja sar kartaġġ twil bejn il-kumpanija u l-konvenut dan baqa' ma ħallasx; talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' disa' mija erbatax-il lira, disa' xelini u għaxar soldi (£914.9s.10d) ammont ta' kontribuzzjonijiet dovuti lis-Soċjetà Assicuratriċi għaż-żmien li kien membru l-konvenut bħala proprejtarju tal-vapur Star of Malta kif dettaljat bil-kontijiet esibi-

ti. Bl-interessi legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut (*fol. 35*) *li biha* eċċepixxa preliminarjament li l-istanza hija preskritta, u li fil-*meritu* u bla preġudizzju tal-premess li d-domanda attriċi hija fil-fatt infondata billi l-eċċipjenti għandu jieħu u mhux jagħti lid-ditta attriċi assikuratriċi — salvo eċċezzjonijiet oħra;

Omissis.

Tikkunsidra fuq *l-eċċepita preskrizzjoni* li trid tkun dik kwinkwennali, illi l-azzjoni tirrigwarda pretiż kreditu tad-ditta attriċi għal premiums ossija "calls" għaż-żmien għoxrin (20) *ta' Ġunju 1956 sal-għoxrin (20) ta' Awissu 1957, meta l-kon*venut ma baqax membru tal-assoċjazzjoni. Kien hemm karteġġ protratt fuq l-ammont pretiż mid-ditta attriċi u l-konvenut bl-ittra tal-ħamsa (5) ta' Mejju, 1959 li kopja tagħha *tinsab* a fol. 25 fost ħwejjeġ oħra hekk kiteb in risposta għall-ittra fol. 18 tad-Ditta attriċi. "According to my books I owe the P. & I. Association a total amount of six hundred and eighty six pounds, five shillings (£686.5s.0d) up to twientieth (20th) October, 1957 and in view of your attitude taken towards me on that year I do not see how I should have any further amounts accrued. I cannot reconcile how the figure of eight hundred and seventy *one pounds, one* shilling (£871.1s.0d) was brought up to 1957 and to which part of the year, also what are the estimated amount of one hundred and eighty pounds (£180). I appreciate *full details*. I agree that any amount due to you be deducted from the figure which I have on record in my books which I hope it is correct". Mela kwa*lunkwe preskrizzjoni li kienet bdiet tiddekorri ġiet maqtula* b'din l-ittra tal-konvenut u l-perijodu ta' ħames snin reġa' beda jiddekorri minn din id-data, u minn din id-data san-notifika

taċ-ċitazzjoni ma għaddewx ħames snin.

Ingħad *illi kwalunkwe preskrizzjoni li kienet bdiet tiddekorri ġiet maqtula b'dik l-ittra għaliex kif dejjem ġie ritenut id-debitur li jammetti li għandu jagħti lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bħala eżatta s-somma pretiża jiġi li jirrinunzja għall-preskrizzjoni kompita* (Ara Sammut vs. Grima Kumm. Vol. XXXVIII P. III paġ. 688 u sentenzi hemm ċitati) u jkun qiegħed jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tiegħu jekk il-preskrizzjoni tkun għadha miexja. Il-Qorti tal-Appell in re Casha vs. *Micallef* Kollez. Vol. XL P.I Paġ. 306 iriteniet ukoll illi jekk id-debitur jgħid lill-kreditur illi huwa jħallas id-dejn pretiż kontra tiegħu jekk jiġi pruvat, il-kliem tiegħu jammontaw għal interruzzjoni tal-*preskrizzjoni*.

A skans ta' ekwivoċi jingħad ukoll illi din il-Qorti qegħda tirritjeni illi bid-dikjarazzjoni fuq *imsemmija tal-konvenut* avverat ruħha l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni imma mhux li l-konvenut ammetta d-debitu tiegħu. Id-dejn irid jiġi dejjem provat *da parti tad-ditta attriċi, biss jekk jiġi pruvat* għandu jitħallas għaliex il-preskrizzjoni tkun ġiet diġà eliminata.

Għaldaqshekk tirriġetta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tordna illi titkompla t-trattazzjoni tal-kawża fil-meritu.